MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1852/2002

**United Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Spiridione Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm504.44), rapprezentanti bilanc dovut sal-lum minn somma akbar indikata fuq fattura numru ta' riferenza 7793 datata 26 ta' April 2001, in konnessjoni ma' servizzi provduti mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta l-hlas pretiz stante li skond hu ried biss quotation gdida u qatt ma ffirma biex tigi fis-sehh policy gdida. Huwa rcieva l-kont dwar din il-policy ghall-ewwel darba f'Marzu 2001, cioe' sena wara li bdiet fis-sehh fit-2

ta' Marzu 2000 bla ma gie avzat. Inoltre, l-ammont ta' Lm198 indikat bhala hlas akkont qatt ma thallas minnu, izda gie kkreditat fil-kont arbitrarjament mis-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm504.44), hlas ta' premium fuq polza ta' assigurazzjoni bejn it-2 ta' Marzu 2001 u l-1 ta' Marzu 2002.

2. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. F'cirkostanzi simili t-Tribunal irid jara liema wahda mill-verzjonijiet hija l-iktar kredibbli.

3. It-Tribunal kellu l-opportunita jisma' x-xhieda *viva voce* u wara li semgha x-xhieda ta' Gretchen Serracino Inglott [impjegata tas-socjeta attrici] u dik tal-konvenut, huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Gretchen Serracino Inglott hija l-iktar kredibbli. Fid-darbtejn li xehdet ix-xhud kienet konsistenti u preciza fil-mod kif irrakkontat il-fatti.

4. Jigi rilevat li:

- Irrizulta li l-konvenut kien ircieva l-*cover note* li tkopri l-perjodu bejn t-2 ta' Marzu 2001 sa l-1 ta' Marzu 2002, kopja ta' liema tinsab ezebita fl-atti. Madankollu jghid li huwa haseb li dik kienet biss stima u ma tax kasha. It-Tribunal ma jemminx din l-affermazzjoni tal-konvenut. Il-*cover note* tghid espressament: *"we have renewed the following insurance policy"*.

- Il-fatt li l-konvenut ma ffirma l-ebda dokument, ma jfissirx b'daqshekk li ma kienx intlahaq ftehim sabiex tiggedded il-polza. Gretchen Serracino Inglott ikkonfermat li s-socjeta attrici dejjem kellha relazzjoni tajba mal-konvenut u kienet tafdah.

- Il-konvenut ighid li meta nqalghet il-kwistjoni huwa kien dispost jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' assigurazzjoni in kwantu din tirreferi ghal sahhtu u l-bini. Jekk kif ighid il-konvenut ried stima biss, wiehed minghajr ma jrid jistaqsi x'kienet ir-raguni li l-konvenut kien dispost ihallas parti mill-kont ?

- Kif il-konvenut ircieva l-*cover note*, it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn ma kellux jircievi l-kont datat 26 ta' April 2001 [l-istess data tal-*cover note*]. Sahansitra fl-atti hemm ezebita nota li ntbaghtet minn Gretchen Serracino Inglott lill-konvenut datata 26 ta' April 2001 [l-istess data tal-cover note u tal-kont], u li taqra:

*"Dear Mr. Schembri,*
*Re: 2001 Business Insurance Renewals.*
*Please find enclosed our cover note & invoice in respect of your insurance renewals"*.

- Fl-atti hemm fax mibghuta minn Gretchen Serracino Inglott lill-kumpannija SMS Insurance Agency Limited datata 5 ta' April 2001 fejn tikkonferma li l-klijent (igifieri l-konvenut) kien tahom struzzjonijiet biex igeddu l-polza ta' assigurazzjoni bl-emendi li jissemmew.

Fil-fehma tat-Tribunal dawn huma kollha cirkostanzi li jkomplu jsahhu l-fehma tat-Tribunal li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Gretchen Serracino Inglott hija dik l-iktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u erbgha liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm504.44), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------